**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Illum, 1 ta' Novembru 2023**

**Rikors Ġuramentat Nru: 34/23AL**

**Fl-ismijiet:**

**A B**
**vs**

**L-Avukat Dr Benjamin Valenzia u l-Prokuratur Legali Nicolette Aquilina nominati b'digret tas-17 ta' Marzu 2023 bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti C D**

**(Numru Progressiv tal-Att taz-Zwieġ: 1522/2003)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti li permezz tiegħu ppremetta:

1. *Illi l-kontendenti partijiet żżewġu nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlieta (2003) – ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat bħala Dokument A.*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ, il-kontendenti partijiet kellhom tifla fl-isem ta' E B, li twieldet fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħamsa (2005), li llum għandha tmintax-il sena u għaldaqstant m'għadiex minorenni, u dan hekk kif jirriiżulta miċ-ċertifikat tat-twelid tagħha anness u mmarkat bħala Dokument B.*
3. *Illi dan iż-żwieġ sfaxxa u tkisser irrimedjabbilment minħabba raġunijiet serji unikament imputabbli lill-intimata, konsistenti f'adulterju u abbandun, in-nuqqas ta' l-intimata li tassumi r-responsabbilitajiet ta' mara miżżewġa u omm, problemi mentali li l-intimata ilha ssofri minnhom dawn l-aħħar snin u raġunijiet oħra ammissibbli fil-liġi għall-otteniment ta' separazzjoni personali.*
4. *Illi f'Lulju, tas-sena elfejn u dsatax (2019) l-intimata abbandunat effettivament lil żewġha r-rikorrent u lil bintha E B fejn telqet kompletament minn Malta u qatt ma rritornat lura.*
5. *Illi l-intimata ilha ma tagħmel kuntatt ma' żewġha u ma' bintha għal diversi snin u cioe minn mindu telqet minn Malta.*
6. *Illi għar-raġunijiet sopraindikati, r-rikorrent kien unikament responsabbli li jieħu ħsieb l-interessi tat-tifla tal-minuri matul dan iż-żmien hekk kif l-intimata abbandunat kompletament lil bintha minuri E B.*
7. *Illi r-rirkorrent intavola proċeduri ta' medjazzjoni (Ittra numru 154/2023) sabiex din is-sitwazzjoni tiġi indirizzata u permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qori l-istess rikorrent ġie debitament awtorizzat sabiex jipproċedi b'dina l-kawża (digriet hawn anness u mmarkat bħala Dokument C).*
8. *Illi m'hemmx lok għal rikonċiljazzjoni u għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Tgħid għalhekk l-intimata għaliex għar-raġunijiet premessi dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddikjara il-ħajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m'għadhiex aktar possibbli u li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment għal raġunijiet imputabbli lill-intimat, u għaldaqstant tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;*
2. *Tapplika in toto jew in parte kontra l-intimata l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*
3. *Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oġġetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jiġu*

*maqsuma f'żewġ porzjonijiet illi jiġu assenjati, waħda lir-rikorrent u l-oħra lill-intimata, liema porzjonijiet għandhom jiġu komposti billi tiġi stabbilita data bħala d-data meta l-intimata għandha tiġi kkonsidrata li hija ħatja tal-firda b'tali mod li l-intimata tkun tilfet kull jedd għal kull akkwist magħmul bil-ħila tar-rikorrent skont il-Liġi, u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni;*

4. *Tordna lill-intimata tirrestitwixxi lir-rikorrent il-beni u krediti parafernali u dotali tiegħu u kull kreditu li hi għandha kontra l-komunjoni tal-akkwisti;*
5. *Tordna u tikkundanna lill-intimata Nassiba Abdullova tħallas lir-rikorrenti retta alimentarja mensili li jidrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti sakemm it-tifla tagħlaq l-eta ta' tlieta u għoxrin sena (23) jew sakemm itemm l-istudji relattivi, skond liema eventwalita tavvera ruhha l-ewwel.*
6. *Tordna lill-intimata sabiex tħallas nofs l-ispejjeż relatati ma' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari nkorsi mir-rikorrent għat-tifla.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimata*

Rat il-lista tax-xhieda[1] tar-rikorrenti u d-dokumenti annessi[2]

Rat ir-rikors[3] tar-rikorrenti b'talba għall-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-intimata assenti, senjatament lill-Avukat Dr Benjamin Valenzia kif ukoll lill-Prokuratur Legali Nicolette Aquilina, li kienu diġa` ġew maħtura fil-proċeduri ntavolati mir-rikorrenti liema proċeduri sussegwentement b'sentenza tas-17 ta' Jannar, 2023 fl-ismijiet: *A B vs L-Avukat Dr Benjamin Valenzia noe.* kienu ġew iddikjarati nulli stante li r-rikors ġuramentat ġie ppreżentat *fuori termine.*

Rat id-digriet tas-17 ta' Marzu 2023 fejn il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti magħmula fir-rikors tiegħu tal-21 ta' Frar, 2023;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kuraturi deputati,[4] fejn ġie eċċepit:

*Illi dan ir-rikors ġuramentat huwa marbut mar-rikors ġuramentat numru 178/2020AL[5];*

*Illi l-kuraturi deputati kienu ngħataw l-aħħar kuntatt tal-assenti iżda għalkemm*

---

[1] Fol 5
[2] Fol 4 mmarkati Dok. 'A' – Ċertifikat taż-żwiġ; Dok. 'B' Ċertifikat tat-twelid tat-tifla tal-partijiet; Dok 'C' Digriet tal-awtorizazzjoni biex jipproċdi b'din il-kawża
[3] Datat 21 ta' Frar, 2023 a fol 10
[4] Fol. 32.
[5] Li huma l-atti allegati ma' din il-kawża

*pruvaw jagħmlu kuntatt dan kien għal xejn ;*

*In vista ta' dan ma hemm xejn x'jiżdied ma' dak li jirriżulta fl-atti tar-rikors ġuramentat 178/2020AL u għal dak il-għan l-esponent jitlob li jiġu allegati l-atti ta' dawk il-proċeduri;*[6]

*Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli skont il-liġi, speċjalment f'każijiet fejn ikun hemm kuraturi deputati mhumiex edotti mill-fatti li jista' jirnexxilhom jagħmlu kuntatt mal-assenti wara li jgħaddu l-għoxrin ġurnata mindu jiġi notifikati .*

Rat il-lista tax-xhieda[7] tal-kuraturi deputati;

Rat ir-rikors konġunt tal-partijiet tal-11 ta' Mejju, 2023 fejn talbu li jiġu allegati l-atti tal-kawża bin-numru ta' referenza 178/2020 fl-ismijiet: *AB vs Dr Benjamin Valenzia et noe* u saret talba sabiex il-Qorti tgħaddi għas-sentenza;

Rat id-digriet tat-12 ta' Mejju, 2023 fejn il-Qorti laqgħet it-talba għall-allegazzjoni;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u dawk kollha tal-atti allegati tal-kawża numru 178/2020. F'dan is-sens il-Qorti tagħmel referenza għan-nota tal-attur tas-17 ta' Mejju, 2021 fejn l-attur informa lill-kuraturi deputati li kien ilu ma jkollu kuntatt mal-konvenuta assenti għal snin. Rat il-minuta reġistrata waqt l-udjenza tat-2 ta' Novembru, 2021 u tad-19 ta' Jannar, 2022 u n-nota tal-kuratur deputat tal-10 ta' Marzu, 2022 li permezz tal-istess esebixxa *screenshot* ta' messaġġ (Dok BJV1) li huwa bagħat permezz ta' Facebook Messenger lill-assenti fuq il-profil li kien ġie indikat mill-avukat tal-attur.

Rat l-Att taż-Żwieġ tal-partijiet bin-numru progressiv tas-sena 1522/2003;[8]

Rat id-digriet tas-6 ta' Frar, 2023 fejn ir-rikorrenti ġie awtorizzat sabiex jipproċedi bil-kawża skont l-artikolu 930 tal-Kap 12.

Rat l-affidavit tal-attur li jinsab fil-proċess 178/20 AL allegat mal-kawża odjerna;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Ikkunsidrat;

---

[6] Liema nota ta' eċċezzjonijiet tinsab a fol 16 tal-atti allegati
[7] Fol 20
[8] Fol 6

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**
Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara lill-martu l-konvenuta C D hija ħatja għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom u dan għar-raġunijiet kontemplati fl-artikolu 38, 40 u 41 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll jitlob lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali, u sabiex tikkundanna lill-konvenuta tħallas manteniment u spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni għat-tifla tal-partijiet.

l-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attur jelenka x'inhuma l-pretensjonijiet tiegħu fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenuta ħatja għat-tifrik taż-żwieġ;

2. Tapplika kontra l-konvenut *in toto* jew *in parte* d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 et seq tal-Kodiċi Ċivili;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, u kif ukoll tgħaddi sabiex tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet li jiġu assenjati waħda lill-attur u l-oħra lill-konvenuta u liema porzjonijiet għandhom jiġu komposti billi tiġi stabbilita d-data meta l-intimata għandha tiġi kkonsidrata li hija ħatja tal-firda.

4. Tordna lill-konvenuta tirrestitwixxi lill-attur il-beni u krediti parafernali u dotali tiegħu u kull kreditu li hi għandha kontra l-komunjoni tal-akkwsiti;

5. Tordna u tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas lill-attur manteniment għall-bżonnijiet ta' bint il-partijiet kif ukoll spejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tagħha.

**Is-Separazzjoni Personali, u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taz-Zwieġ:**

*<u>Il-Verżjoni tal-Attur u l-Allegati Tortijiet tal-Konvenuta</u>*

Qabel xejn il-Qorti tibda billi tirrileva li bħala provi mressqa dawn huma limitati għal dawk li hemm fl-atti allegati ma' din il-kawża u ċioe dawk li hemm fl-Atti tal-kawża 178/20AL. Il-partijiet ma ressqux provi ulterjuri fil-proċedura tal-kawża odjerna.

L-Affidavit tal-Attur

Fl-Affidavit tiegħu l-attur jispjega kif ltaqa' mal-konvenuta fis-sena 2003 waqt li kien qed jagħmel biċċa xogħol f'Baystreeet. Jgħid li wara ftit spiċċaw f'relazzjoni intima u sitt xhur wara iżżewġu (fid-29 .08.2003).
Jgħid li l-attriċi kienet qaltlu li ma kenitx taf tagħmel il-faċendi u li ma tafx issajjar. F'Mejju 2004, twieldet binthom E illum magorenni, u skontu l-attriċi ma tantx kienet taf tieħu ħsieb it-trabi u għalhekk beda jieħu ħsieb kemm it-tifla u jgħallem lill-martu. Jgħid li sar jaf li l-attriċi kienet miżżewġa u divorzjata wara t-twelid ta' binthom, iżda ma kentix qaltlu li kellha t-tfal ukoll, u kien wara ftit taż-żmien li qaltlu li kellha tifel l-Uzbekistan li kienet tieħu ħsiebu ommha.

Jispjega li maż-żmien l-attriċi bdiet turi ċertu indifferenza lejn binthom, u dan anki f'dak li kellu x'jaqsam mal-edukazzjoni tagħha.
Huwa jsostni li fl-2005 il-konvenuta qaltlu li kien qed ikellimha Ġesu` u li kienet qed tara l-anġli u meta induna li ma kenitx qiegħda tiċċajta mar ikellem patri mill-Knisja tal-Qawra li qallu li martu marida u għandu jeħodha l-isptar Monte Karmeli. Jgħid li ħadha hemm fejn raha l-professur Joe Mifsud, u hemm ġie infurmat li martu kellha problema ta' saħħa mentali. Jgħid li minn hemm beda jdaħħalha l-isptar (Monte Karmeli) darbtejn jew tlett darbiet fis-sena, u b'hekk waqt li tkun rikoverata l-isptar kien ikollu jieħu ħsieb it-tifla iżda li kellu ħafna għajnuna mingħand oħtu wkoll.

Għall-ħabta tas-sena 2008-2009 jgħid li l-konvenuta kisbet iċ-ċittadinanza Maltija u jgħid li minn hemm bdew il-problemi fejn martu bdiet ta' spiss taqbad u titlaq mid-dar jew minn Malta.

L-ewwel darba qaltlu li kienet ser titlaq lejn il-Bahrain, fejn skontu qaltlu li kienet ser taħdem ta' prostituta. B'hekk reġa' ħadha l-isptar fejn damet ġimgħa u meta ġiet ħarġet mill-isptar jgħid li kellha ordni bix tirrapporta l-isptar darba fil-ġimgha biex jaraha l-professur, iżda ftit ġranet wara rċieva telefonata mingħand l-attriċi

fejn qaltlu biex jitlaq mix-xogħol minnufih u jmur id-dar biex jieħu ħsieb lill-binthom għaliex hi kienet telqet mid-dar. Jsostni li telaq jiġri lejn d-dar u għamel rapport mal-pulizija kopja ta' liema rapport ġie anness mal-affidavit tiegħu mmarkat Dok A datat 13. 04. 2009 fejn isosnti li l-pulizija saru jafu li kienet spiċċat il-Bahrain.

Il-Qorti tinnota li minn qari tar-rapport Dok A., dak li jirriżulta huwa li fil-fatt l-attur irrapporta li rċieva messaġġ minn martu li qaltlu li marret il-Bahrain u f'liema rapport huwa kien stqarr li xi tmien xhur qabel martu kienet ġiet rikoverata l-isptar Monte Karmeli u dan bejn ix-xhur ta' Ġunju, Lulju u Awwissu (u għalhekk tas-sena 2008).

l-attur jgħid li dik is-sena (2009) kienet reġgħet ħarbet u għal dan esebixxa Dok B mal-affidavit tiegħu -liema rapport hu datat 16.05.2009. Skont dan ir-rapport l-atttur kien irrapporta mal-pulizija li rċieva messaġġ li reġgħet marret il-Bahrain din id-darba, u dejjem skont dak imniżżel fir-rapport "*till wedding of Vik, take care of E, wait u there qalbi.*"

L-attur jgħid li kull darba li kienet tiġi lura Malta kien jaħfrilha "*għax kont ġenwinament naħseb li l-marda li għandha kienet twasslha bieex tagħmel hekk u anke sabiex insalva ż-żwieġ minħabba t-tifla tagħna E.*" [9]

Jgħid li omm il-konvenuta ġiet iżżurhom hawn Malta xi tlett darbiet u l-ewwel darba li ġiet l-konvnuta qaltlu li kienu serqu lill-ommha l-Użbekistan waqt li kienet hawn Malta u ħadulha kollox u b'hekk jsosnti li kien qabad elf ewro u tahom lill-omm il-konvenuta, iżda maż-żmien induna li dan kien jiġri ta' kull darba: "*dawn kienu qed jagħmlu hekk biex jisolhuli l-flus u għalhekk ma tajthom l-ebda flus.*"[10]

Il-kumplament tal-affidavit jikkonsisti f'episodji u ġrajjiet oħrajn li jikkonċernaw il-konvenuta fejn per eżempju fis-sena 2013, il-konvenuta qaltlu li xi ħadd segwiha u serqilha flusha, iżda meta l-attur insista magħha li jmorru jirrappurtaw l-inċident ammettiet li ma kien veru xejn li kienet vittma ta' serq iżda kellha relazzjonijet sesswali konsenswal ma Għarbi. Reġgħet iddaħħlet l-isptar u kif

[9] Fol 24
[10] Fol 24

ħarġet reġgħet telqet minn Malta vide Dok C[11] u Dok D[12] u Dok E[13], liema dokumenti huma rapporti li l-attur kien jagħmel kull darba mal-pulizija, u skont dak li jirriżulta mir-rapporti in kwistjoni, il-kontenut tal-istess rapporti jikkonsisti fil-verżjoni u aġġornamenti li kien jagħmel l-attur mal-pulizija. Fost l-affarijiet li kien jindikalhom kien jinfurmahom bil-messaġġi li kien jirċievi mill-konvenuta fejn kienet hi tindikalu fejn tinsab. In oltre u mir-rapporti jirriżulta wkoll li l-attur kien irrapporta li martu kellha problemi ta' saħħa mentali u kient taħt il-kura tat-tabib Joe Mifsud u social worker jismu Reuben.

Skontu meta reġgħet ġiet lura hawn Malta fl-2015, qaltlu li sabet impieg bħala waitress iżda wara ftit qaltlu li ma kenitx qed taħdem ta' waitress iżda ta' prostituta u reġgħet telqet mid-dar:

"*Kif rajt hekk bdejt ninkwieta tant li tlaqt mill-impieg li kelli sabiex nieħu ħsieb lit-tifla. Tlett ġimgħat wara li telqet mid-dar, ċempilt lil Reuben (is-social woker) biex ikellem lil C għax ħsibt li kienet telqet mid-dar minħabba l-problemi mentali li kellha. Wara xi jumejn Reuben kien ikkonvinċa lil Nassiba biex tiġi lura d-dar.*[14]

Jispjega li ftit wara il-konvenuta ħarġet tqila u dan meta kienu ilhom snin ma jkollhom rapporti sesswali. Jgħid li fil-fatt meta twieled it-tifel ma ġiex irreġistrat f'ismu għax il-konvenuta kienet ammettiet li kellha relazzjoni adultera. In sostenn ta' dan l-attur esebixxa Dok F u G. Fl-affidavit tiegħu jagħti rendikont ta' x'gara minn hemm u kif il-konvenuta għamlet iktar minn ġimgħatejn nieqsa sakemm ċemplet biex tara lit-tifla.

*"Minn naħa tiegħi għidtilha li jiena kont lest biex nieħu lit-tifla kuljum biex taraha u dana sabiex ma nċaħħadx lil binti milli tara lill-ommha, madanakollu C qaltli li kuljum ma setgħetx, u għalhekk għidtilha biex għallinqas iċċemplilha kuljum ħalli t-tifla ma tinkwetax. Minkejja kollox, C kienet iċċempel lit-tifla E darbtejn jew tliet darbiet fil-ġimgħa l-aktar u lanqas kienet tagħmel iktar minn ħames minuti tkellimha "*[15]

[11] Fol 35
[12] Fol 37
[13] Fol 39
[14] Fol 26
[15] Fol 26 tal-atti allegati

Jispjega li minn hemm iddeċieda li jipproċedi bi proċeduri ta' separazzjoni, iżda xi sena wara sar jaf li l-konvenuta spiċċat bla saqaf fuq rasha u ħenn għaliha iżda kien kollu għalxejn. L-attur isostni li għall-ħabta tas-sena 2019 il-konvenuta kienet taħt *treatment order* iżda bilfors riedet tmur żżur lill-ommha l-Uzbekistan u b'hekk ħadha għand Dr Ethel Felice fejn isosnti li tagħtha permess biex issiefer għal xahar u tagħtha biżżejjed mediċini għal dan il-perjodu, iżda jgħid li mandakollu xorta damet ferm iktar minn xahar. Ġiet lura f'Ġunju 2019, iżda jgħid li nduna li l-konvenuta ma kenitx qiegħdha sew u bilkemm kienet qed tikkomunika mat-tifla tagħhom u l-għada li wasslet lura f'Malta, ippakkjat hwejjiġha u telqet mid-dar.

Jgħid li l-mowbajl tagħha kien mitfi u fil-fatt kien anki mar jagħmel rapport l-għassa. (Dok I)[16]. Skontu jumejn wara l-konvenuta stess infurmatu li kienet marret it-Turkija u meta ipprova jikkomunika ma' ommha bdiet teħodha kontra tiegħu u kontra t-tobba Maltin fejn jgħid li bdiet takkużahom li mardulha lill-bintha. Skontu l-konvenuta reġgħet ġiet lura Malta fejn reġgħet iddaħħlet l-isptar Monte Karmeli fejn hemmhekk saret taf lil xi ħadd li kien jaħdem hemm u li għinha biex toħroġ mill-isptar. Skont dak li jgħid l-attur fl-Affidavit tiegħu, l-konvenuta marret tgħix ma' din il-terza persuna iżda wara ftit talbet lill-attur sabiex iħalsilha l-vjaġġ tagħha biex tmur lura l-Uzbekistan għand ommha. Jgħid li kkonsulta mas-*social worker* tal-isptar Monte Karmeli, u ħallsilha l-vjaġġ tagħha u fit-30 ta' Lulju, 2019 telqet u qatt ma reġgħet għamlet kuntatt miegħu, iżda jikkonkludi li xi kultant bintu tirċievi messaġġ mingħandha.

Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tigħu fir-rigward tal-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ, ir-rikorrenti resaq is-segwenti provi:

<u>L-Affidavit ta' E B, bint il-partijiet</u>

Tispjega li ommha ilha bi problemi ta' saħħa mentali minn mindu kienet żgħira: "*Niftakar ukoll li mhux darba jew tnejn illi qbadt lil ommi C titkellem waħedha."*[17] Isosnti li kienet tosserva l-aġir stramb t'ommha u dan kien meta hi kellha bejn tmien snin u tlettax-il sena, fejn tgħid li ommha kienet tikteb ħafna talb u xewqat imbagħad iġġiegħlha: *"nagħżel waħda minnhom u l-karta li nagħżel tiddetermina jekk huwiex ser ikolli futur tajjeb jew ħażin*"[18]

[16] Esebit fol 47 tal-atti allegati
[17] Fol 20 tal-atti allegati
[18] Fol 20 tal-atti allegati

Skontha meta ommha kienet tgħidilha biex tmur mixja magħha kienet tiddejjaq għaliex kienet tkun trid tieqaf tixrob birra jew tazza inbid u tixtri s-sigaretti: *"Ta kull darba kont nfakkar lil ommi C illi hi ma kellhiex tixrob jew tpejjep minħabba l-mediċina..."*[19]

Fl-affidavit tagħha tgħid li allavolja kellha biss tmien snin xorta waħda taf li ommha kienet tikkomunika ma' rġiel oħra u dan tafu għax kif kien jasal missierha d-dar mix-xogħol ommha kienet taħbi l-mowbajl tagħha. Tkompli tgħid li ġieli ommha anki videocalls għamlet ma' dawn l-irġiel.
"*Ngħid li r-raġuni li jiena qatt m'għidt lil missieri dwar dan l-atteġjament kienet biss li dejjem kont nibża li jiena ser nkun il-kaġun tas-separazzjoni u nkwiet bejn ommi C u missieri A.*"

Tkompli li meta kellha ċirca għaxar snin ommha bdiet iddaħħal l-irġiel fid-dar meta missierha kien ikun ix-xogħol. "*Ommi kienet tgħidli li dawn l-irġiel kienu jiġu sabiex hi tagħtihom massage, madanakollu kien hemm diversi drabi illi kont nisma ħsejjes strambi illi ċertament ma jkunux jindikaw illi għaddej massage"*[20]

Tgħid li tiftakar li dawn l-irġiel kienu jħallsu l-flus lill-ommha li minn naħa tagħha kienet taħbihom f'karus. Tkompli li ma qalet xejn lill-missierha għax beżgħet li tkisser iż-żwieġ tal-ġenituri tagħha. Skontha, ommha tant kienet tirċievi messaġġi li kienet iċċekjatilha l-mowbajl u daħħlet fil-profil tal-facebook t'ommha fejn sabet messaġġi: "*sesswali u emozjonali oħrajn.*"[21]

Skont bint il-partijiet hi ssosnti li filwaqt li ommha ġieli qaltilha li taġixxi hekk minħabba l-kundizzjoni mentali tagħha, skontha "***dan qatt ma impressjonani lili għaliex dejjem emmint illi hi kellha kontroll sħiħ fuq dak li tagħmel***"[22] (Emfasi tal-Qorti)

Tirrakkonta dak li ġara meta ommha ħarġet tqila minn terza persuna u tiftakar li ommha riedet tagħmel abbort iżda missierha kkonvinċiha biex ma tagħmlux u minflok għażlet li twelled it-tarbija imbagħad ħaditu għand is-sorijiet. Tispjega li fil-bidu u darba fill kienu jmorru jaraw lil ħuha fl-istitut imma maż-żmien inqas

[19] Fol 20
[20] Fol 21 tal-atti allegati
[21] Fol 21 tal-atti allegati
[22] Fol 21 tal-atti allegati

imbagħad ġie fostered : "*Nassiba bdiet dejjem aktar tnaqqas il-kuntatt miegħu sakemm finalment spiċċat abbandunatu kompletament."*[23]

Tikkonferma l-verżjoni ta' missierha rigward tal-fatt li:
*"maż-żmien is-sitwazzjoni bdiet issir aktar problematika u dan hekk kif ommi Nassiba kienet qiegħda ta' spiss taħrab mid-dar u f'ħafna okkażjonijiet issiefer minn xtutna. Spiċċajt f'sitwazzjoni fejn ommi ġieli tkun miegħi ġewwa d-dar, ġieli tkun qed tiġi rikoverata ġewwa l-isptar minħabba l-problemi ta' saħħa mentali tagħha u ġieli taħrab mill-pajjiż lejn pajjiż esteru."*[24]

Tikkonferma l-verżjoni tal-attur rigward l-aħħar darba li ommha telqet mid-dar tagħhom wara argument li ommha kellha mal-attur fil-11 ta' Ġunju, 2019, u li ommha kienet talbet lill-missierha biex jagħtiha l-flus biex tħallas il-vjaġġ tagħha lejn l-Uzbekistan.

Tikkonkludi billi tgħid li wara it-30 ta' Lulju, 2019 għajr għal xi messaġġi xotti li tirċievi xi kultant mingħand ommha, qatt ma kellha komunikazzjoni sura m'ommha iktar:

"*Qatt aktar ma tagħtni informazzjoni fuq il-ħajja tagħha ġewwa l-Uzbekistan jew inkella fuq jekk għandhiex xi ħsieb li terġa tiġi Malta sabiex iżurna."*[25]

Bint il-partijiet tikkonkludi l-affidavit li tħossha kompletament abbandunata minn ommha, u li meta kienet parti minn ħajjitha tagħtha biss eżempji ħżiena.

*<u>Verżjoni tal-Konvenuta u l-Allegati Tortijiet tal-Attur</u>*

Il-Qorti tirrileva li l-konvenuta assenti rappreżentata minn kuraturi deputati, ma ressqet l-ebda provi, u ma sarux kontro-eżamijit u dan wara li l-istess kuratur deputat ddikjara li ma kienx hemm il-ħtieġa li jsiru. [26] F'dan is-sens il-Qorti tirreferi wkoll għar-rikors konġunt tal-partijiet tal-11 ta' Mejju, 2023[27]

*<u>Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Kaz Odjern</u>*

[23] Fol 21 tal-atti allegati
[24] Fol 21 tal-atti allegati
[25] Fol 22 tal-atti allegati
[26] Fol 60 fl-atti allegati 178/2020
[27] Fol 23

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal kaz odjern.

*a.* *<u>Artikolu 35 et seq tal-Kodiċi Ċivili: Rigward is-Separazzjoni Personali:</u>*

Il-liġi tistipula illi *"Il-firda personali ma tistax issir ħlief b'talba ta' waħda mill-persuni miżżewġa flimkien kontra l-oħra, u għal xi waħda mir-raġunijiet miġjubin fl-artikoli li ġejjin, jew bil-kunsens ta' xulxin, kif hemm fl-artikolu 59".*[28] Ir-raġunijiet li abbażi tagħhom tista' tintalab is-separazzjoni huma: (i) Artikolu 38 li jitratta l-adulterju, (ii) Artikolu 40 li jitratta eċċessi, moħqrija, theddid u nġurji gravi, u (iii) Artikolu 41 li jitratta l-abbandun.

Iżda f'każ ta' separazzjoni, "*Ir-raġel u l-mara mifrudin, b'sentenza jew bil-kunsens ta' xulxin, jistgħu f'kull żmien jerġgħu jmorru flimkien, u b'hekk ineħħu l-effetti tal-firda, kollha jew biċċa minnhom, iżda dan bla ħsara tal-jeddijiet li t-terzi jkunu ġa akkwistaw".*[29] Barra minn hekk il-liġi tkompli tispeċifika illi "Jekk ir-raġel u l-mara mifrudin imorru minn rajhom igħammru flimkien, iġib il-għaqda tagħhom mill-ġdid, u jġedded l-obbligu, li ġej miż-żwieġ, tal-għajxien flimkien u tal-manteniment, iżda kull effett ieħor tal-firda ma jispiċċax ħlief bis-saħħata' att pubbliku.[30]

*b.* *<u>Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offiżi Gravi</u>*

Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

F'dan ir-rigward il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal każ fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[31] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa

---

[28] Artikolu 36 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[29] Artikolu 63 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[30] Artikolu 64 tal-Kapitolu 16 tal-Liiġijiet ta' Malta.
[31]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġiurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. F'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[32] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[33] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".*

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[34] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[35] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[36]; *Skond l-istess Qorti "Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[37]

[32]Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[33]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[34]**Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[35]Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[36]**Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[37]**Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.

Dwar L-Adulterju: Dan ukoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi. Skont l-artikolu 38 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta: *"Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra."* In oltre` il-ġurisprudenza konstanti tagħna tirritjeni illi*: "L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali."*[38] Min jallega l-adulterju jrid fattwalment jagħti prova. Fil-kawża Rose Gauci vs Salvatore Gauci il-Qorti qalet: *"...l-artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra. Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-16 ta' April 1953 fil-kawża fl-ismijiet Rita Spiteri vs Avukat Dr Albert V. Grech et noe (P.A. (C.C.) Lollez. XXXVII.II.693)l-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iktar gravi għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali; iżda stante d-diffikulta tal-prova kif turi l-assenza ta' disposizzjoni legislattiva li tillimita din il-prova, huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat per mezz ta' indizzji u prezunzjonijiet, purche dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordant, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika"*[39]

Dwar l-Abbandun. Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għall-artikolu 41 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

*"Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba."*

Fil-kawża Josephine Anne Edwards vs L-Avukat Dr Joseph H .Xuereb noe[40] il-Qorti sostniet:
*" Skont l-artikolu 48 (illum 41) jikkostitwixxi ġusta kawża għas-separazzjoni l-abbandun ta' parti lill-oħra mingħajr raġuni tajba jekk idum għal sentejn jew iżjed..."*

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:*

[38] **Hugh Greengrass vs Lucia Greengrass**, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru, 2003 mill-Prim 'Awla tal-Qorti Ċivili (Ċit Nru. 98/2002/1 RCP)
[39] Vide: **Maria dolores *sive* Doris Scicluna vs Anthony Scicluna** deċiża nhar is- 27 ta' Novembru, 2003 mill-Prim 'Awla tal-Qorti Ċivili (Ċit Nru. 1715/2001/1 )
[40] Deċiża mill-Prim 'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-22 ta' Frar, 1961

Il-Qorti rat li bħala provi għandha biss il-verżjoni tal-attur u l-affidavit ta' bintu, tal-aħħar tikkonfrma l-verżjoni tal-attur. Il-Qorti tirrileva wkoll li l-verżjoni tal-attur bl-ebda mod ma ġiet kontraddetta.

Il-Qorti tibda billi tgħid fir-rigward tal-istat ta' saħħa mentali ta' martu, fil-fehma tal-Qorti dawn l-allegazzjonijiet ma ġewx ippruvati sal-grad rikjest mill-liġi u dan anki fid-dawl ta' dak li qalet bint il-partijiet fl-affidavit tagħha u l-fatt li l-allegazzjonijiet fuq il-kundizzjoni ta' martu ma ġiet kkoroborata minn ħadd ieħor.

Iżda minn naħa l-oħra l-attur esebixxa dokumenti li jikkonsistu f'sensiela ta' rapporti li għamel mal-pulizija matul il-perjodu taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet li jagħtu ħafna saħħa lill-verżjoni tiegħu rigward l-fatt li l-konvivenza matrimonjali ma baqgħetx iktar possibbli u dan stante l-aġir tal-konvenuta. In oltre` l-Qorti tirrferi wkoll għaċ-ċertifikat tat-twelid esebit in atti datat 2015, u għalhekk waqt iż-żwieġ ta' bejn il-partijiet - u f'liema perjodu kienu qegħdin jsiru ċertu allegazzjonijiet serjissimi fuq l-atteġjament tal-konvenuta, fejn f'dan iċ-ċertifkat ġie reġistrat it-twelid ta' tifel li ġie reġistrat bħala iben il-konvenuta iżda missieru mhux magħruf. In oltre` minn dan iċ- ċertifikat jirriżulta li l-partijiet kienu għamlu dikjarazzjoni konġunta bil-ġurament tagħhom li l-minuri ma kienx il-wild tal-attur u dan għar-raġunijiet indikati fl-istess ċertifikat anness u mmarkat bħala Dok F[41]. F'dan is-sens il-Qorti tirreferi wkoll għall-Dok G esebit in atti liema dokument jikkonsisti f'ittra mibgħuta mill-konsulent legali tal-konvenuta f'Novembru, tal-2015, f'liema ittra datata 16 ta' Novembru 2015, jirriżulta li l-konvenuta mhux biss eskludiet lill-attur bħala missier it-tifel, iżda ikkonfermat li kienet qed tirrisjedi Għawdex u kienet ilha ma jkollha relazzjonijiet mal-attur għall-erba' snin. Dawn iż-żewġ dokumenti huma prova konkreta li l-konvenuta hija ħatja tal-adulterju u li abbażi ta' dan l-adulterju tagħha kien beda l-proċeduri għas-seeparazzjoni. Illi skont l-attur xi sena wara li kien beda dawn il-proċeduri sar jaf li l-konvenuta kienet spiċċat bla saqaf fuq rasha, u li kien tħassarha u waqqaf il-proċeduri, iżda sena wara reġgħet bdiet tagħmel l-istess bħal ma kienet tagħmel qabel.
In oltre fl-affiidavit tiegħu l-attur jiddikjara li l-aħħar darba li ra lill-konvenuta kien f'Lulju, tas-sena 2019 u ċioe` ferm iktar mis-sentejn imposti mill-liġi. In oltre` fin-nuqqas ta' prova minn naħa tal-konvenuta li kellha raġuni tajba, u fiċ-ċirkostanzi tal-fatti tal-każ odjern il-Qorti hija konvinta li l-konvenuta ma kellhiex raġuni tajba biex tallontana ruhha mid-dar matrimonjali u mill-familja

[41] Fol 42 tal-atti allegati

tagħha. L-*iscreenshot* esebit mill-kuraturi deputati, minn liema dokument jirriżulta li ppruvaw jikkomunikw mal-konvenuta bla suċċess, jkompli jsaħħaħ dan il-konvinċiment tal-Qorti .

Filwaqt li fiż-żwieġ ikun hemm diversi ċirkustanzi ta' atteġjament skorrett u żbaljat, fil-kawża odjerna l-imġieba tal-konvenuta ħarġet barra mill-limiti sal-grad li rrendiet impossibbli l-konvivenza matrimonjali.

Għalhekk il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest mil-liġi li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, b'tort unikament attribwit lill-konvenuta abbażi tal-adulterju u abbażi tal-abbandun li seħħ iktar erba' snin ilu.

B'hekk il-Qorti għandha raġunijiet serji sabiex tasal għal konklużjoni li hemm lok għall-firda personali tal-partijiet stante li ż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u qed issib lill-intimata ħatja ta' adulterju u abbandun fil-konfront ta' żewġha u la darba pruvat kemm l-adulterju u anki l-abbandun tal-konjugi konvenuta il-Qorti m'għandhiex bżonn tidħol f'motivi oħra ta' separazzjoni dedotti fir-rikors ġuramentat.

**2. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenuta:**

L-atttur jitlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' martu l-konvenuta, id-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 sa 53 tal-Kodiċi Ċivili.

Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-intimata *ai termini* tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

Fil-każ odjern, stante li l-konvenuta hija ħatja għat-tkissir taż-żwieġ tal-partijiet minħabba adulterju u abbandun fil-konfront ta' żewġha jeżigi l-imposizzjoni mandatorja tas-sanzjonijiet tassattivi tal-liġi għall-ħtija hekk gravi.

**3. It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Divizjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali:**

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet iżżewġu nhar is-29 ta' Awwissu, 2003 ġewwa Malta u stabbilew ruhhom hawn Malta għalhekk *ai termini* tal-Artikolu 1316 subinċiż 1 tal-Kodiċi Ċivili, ir-reġim matrimonjali applikabbli bejn il-partijiet kien il-komunjoni tal-akkwisti mid-data taż-żwieġ tagħhom.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet u konsegwentement għandu jibda japplika mill-lum ir-reġim tas-separazzjoni tal-beni.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom, u Elenku ta' dak kollu li huwa Parafernali tal-Partijiet u l-Assenjazzjoni tal-Istess*

Il-Qorti tara li ma tressqet l-ebda prova dwar dak li jifforma parti mill-kommunjoni tal-akkwisti u b'hekk ma hemm xejn x'jiġi likwidat, diviż u assenjat. Di piu`, mill-atti ma jirriżultax li saret xi referenza għal xi assi oħra parafernali li għandhom jiġu assenjati lill-attur. Għalhekk il-Qorti tordna li kull parti tibqa' żżomm dak il-kont bankarju li jinsab intestat fuq isimha u l-bilanċ li hemm fih.

Dwar it-talba sabiex il-konvenuta tiġi ordnata sabiex tħallas lill-attur retta alimentarja għat-tifla tal-partijiet sakemm tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji relattivi skont liema tavvera ruhha l-ewwel.

Illi l-Qorti tagħmel referenza għaċ-ċertifkat tat-twelid ta' bint il-partijiet esebit in atti,[42] fejn jirriżulta li d-data tat-twelid tagħha huwa 28 ta' Jannar, 2005, u konsegwentement illum bint il-partijiet hija maġġorenni.

Illi skont l-artikolu 3B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

[42] Dok B a fol 6 tal-atti allegati

*Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġskont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.*

*(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli lil-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq,ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:*

*(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew*

*(b) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwarOpportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità,kemm jekk hija fiżika jew mentali.*

Illi filwaqt li jirriżulta li bint il-partijiet għadha m'għalqitx it-tlieta u għoxrin sena, l-attur ma ressaq l-ebda prova li bintu qiegħda tipparteċipa f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u kwindi stante nuqqas ta' provi f'dan ir-rigward il-Qorti ma tistax tikkunsidra it-talbiet tal-attur relatatti mal-manteniment għall-bintu.

**DEĊIDE:**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi ħtija esklussiva tal-intimata abbażi tal-Artikolu 38 u 41 tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li tawtorizza lill-attur sabiex jgħix separatament minn martu;

2. Tilqa' t-tieni talba, u tiddikjara u tapplika kontra l-konvenuta l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 48 sa 53 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Tilqa' it-tielet talba limitatament billi tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tiddikjara li mill-lum għandu japplika r-reġim tas-separazzjoni tal-beni, u tiċħad il-kumplament tat-tielet talba stante li ma hemm xejn x'jiġi diviż. Għal kull buon fini l-Qorti tiddikjara t-30 ta' Jannar, 2015 bħala d-data meta l-konvenuta għandha tiġi kkunisdrata ħatja tal-firda.

4. Tiċħad ir-raba` talba rigward il-beni dotali u/jew parafernali tar-rikorrenti stante nuqqas ta' prova;

5. Tiċħad il-ħames u s-sitt talba stante stante nuqqas ta' prova dwar jekk bint il-partijiet qiegħda tistudja jew le, u wisq inqas jekk hijiex qiegħda tistudja fuq bażi full-time skont il-liġi;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuta, b'dan li r-rikorrenti għandu provviżorjament iħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.